MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2010

Avviz Numru. 268/2010

**Av. Paul Farrugia bhala mandatarju specjali tal-imsiefer Peter Creighton**

**vs**

**Richard Buiteman**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tar-rikorrenti ghall-kundanna ta' l-intimat ghall-hlas tas-somma ta' sebat elef, sitt mija u wiehed u sittin Euro u wiehed u sittin centezmu ta' Euro, (€7,661.61), rapprezentanti in kwantu ghal hamest elef Ewro (€5,000), arretrati ta' kera dovuti fuq il-lokazzjoni tal-fond T5B3, Tigne` Point, ix-Xatt, Sliema, u in kwantu ghal elfejn, sitt mija, u wiehed u sittin Ewro u wiehed u sittin centezmu ta' Ewro, (€2,661.61),**

**arretrati ta' konsum ta' dawl u ta' l-ilma u kirjiet ta' meters registrati waqt l-istess lokazzjoni;**

**Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2599/2010 prezentat nhar id-9 ta' Lulju tas-sena 2010, u bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' l-istess mandate, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tar-rikorrenti sabiex l-intimat iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment l-intimat naqas u ma deherx, la fit-22 ta' Frar tas-sena 2011 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tikkundanna lill- ntimat Richard Buiteman sabiex ihallas is-somma ta' sebat elef, sitt mija u wiehed u sittin Ewro u wiehed u sittin centezmu ta' Euro, (€7,661.61), lir-rikorrenti;**

**Bl-ispejjez kif dedotti kontra l-intimat Richard Buiteman.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------